29 ta' Ottubru, 1953

Imħallef :—
L-Onor. Dr. A. Magri, B.Litt., LL.D.

**Avukat Dr. Albert V. Grech et. *versus* Paul Spiteri**

**Kuraturi "ex Officio" — Kontra Min Jistgħu Jaġixxu Għall-Ħlas tal-Kompetenzi Tagħhom.**

*Il-kuraturi li jiġu nominati "ex officio" biex jirrappreżentaw konvenut li jinsab imsiefer ma jistgħux jaġixxu għall-ħlas tal-kompetenzi tagħhom b'mod dirett kontra tiegħu; għax in-nomina tal-kuraturi għandha titqies li saret a benefiċċju ta' min talabha. Il-parti li talbet id-deputa tal-kuraturi għandha tħallashom il-kompetenzi tagħhom, salv ir-regress tagħha kontra l-konvenut rappreżentat minnhom, jekk dan ikun sokkombent fl-ispejjeż.*

Il-Qorti — Rat iċ-ċitazzjoni li biha l-atturi, billi b'sentenza ta' dina l-Qorti tad-29 ta' Mejju 1952, fil-kawża fl-ismijiet "Mary mart l-imsiefer Paul Spiteri pr. et ne. vs. Avukat Dottor Albert V. Grech et. ne.", il-konvenut kien ġie kundannat iħallas l-ispejjeż kollha tal-kawża; u billi l-instanti, bħala kuraturi nominati biex jirrappreżentaw lill-konvenut fl-imsemmija kawża, għandhom jieħdu s-somma minn għandu ta' £40. 0. 7 għal drittijiet u spejjeż tagħhom fl-istess kawża,

skond taxxa hawn annessa (*dok.* A); premessi d-dikjarazzjonijiet neċessarji, u mogħtija l-provvedimenti li jkun hemm bżonn, talbu li l-istess konvenut jiġi minn dina l-*Qorti* kundannat *iħallas lill-atturi* s-somma ta' £40. 0. 7 minnu dovuta għar-raġunijiet fuq imsemmijin. Bl-ispejjeż, kompriżi dawk ta' l-ittra uffiċjali tat-13 ta' *Ġunju* 1952, u bl-imgħax legali *mid-data* tan-notifika ta' l-istess ittra uffiċjali kontra l-konvenut, li għandu jidher għas-subizzjoni; salv kull dritt spettanti *lill-atturi kontra l-imsemmija* Mary Spiteri bħala mandanti tagħhom;

*Omissis;*

*Ikkunsidrat;*

Illi, "ex admissis", l-atturi, bħala kuraturi "ex officio", kienu jirrappreżentaw *lill-konvenut*, aliura msiefer, fil-kawża li għamlitlu martu Mary Spiteri, li ġiet deċiża minn dina l-Qorti fid-29 ta' Mejju 1952, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess *konvenut;*

Illi l-atturi jippretendu li bħala rappreżentanti tal-konvenut f'dik il-kawża huma *għandhom rapporti* diretti miegħu, u għalhekk qegħdin jeżerċitaw kontra tiegħu l-azzjoni diretta;

Illi, però, mill-fatt ta' l-imsemmija rappreżentanza ma *tinżelx il-konsegwenza li l-atturi jistgħu jeżiġu mill-konvenut*, b'mod dirett, il-kompetenzi tagħhom. Id-deputa tagħhom f'kuraturi "ex officio għandha titqies magħmula a benefiċċju *ta'* min talabha, jiġifieri l-attriċi f'dik il-kawża, li għalhekk għandha tħallas il-kompetenzi tagħhom, salv ir-regress tagħha *kontra l-konvenut, sokkombenti* fl-ispejjeż. Għalhekk l-atturi ma għandhomx azzjoni diretta kontra l-konvenut — dik li l-lum qegħdin jeżerċitaw. Din hija l-*interpretazzjoni kostanti* tal-Qrati Tagħna, li waslet saħansitra biex tobliga lil min jitlob in-nomina ta' kuraturi li jantiċipalhom, għal bżonn, il-flus meħtieġa *għall-proċeduri* dispendjużi fil-kawża (Kollez. XXXIV—I—386);

Illi konsegwentement l-azzjoni, kif proposta, *mhix sostenibili;*

Għal dawna l-motivi;

Tiċħad it-*talba ta' l-atturi, bl-ispejjeż* kontra tagħhom; salva lilhom kull azzjoni oħra "si et quatenus".